MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 423/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Clayton Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Clayton Azzopardi talli f'dawn il-Gzejjer, fl-10 ta' Awwissu 2006 u matul l-ahhar hames xhur qabel din id-data:

(1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta

ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,  liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
(2) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,  liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

(3) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (amphetamine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

(4) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza, bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi Clayton Azzopardi sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Clayton Azzopardi hati ta’ l-imputazzjonijiet lilu addebitati u, wara li rat il-G.N. 292/1939, Taqsima IV u VI tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Ewwel Skeda tal-istess Kapitolu, l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikolu 40A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tielet Skeda, Tieni Parti ta’ l-istess Kapitolu, kif ukoll l-artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tliet (3) snin, u multa ta’ €3,000, u a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €1,034.78. Inoltre ordnat id-distruzzjoni tad-droga kollha (KB 24.2007 u KB 298.2007), u l-konfiska tal-flus (KB 261.2007) u *mobile* (KA 208.2007), ilkoll esebiti f’dawn l-atti;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Clayton Azzopardi pprezentat fil-25 ta’ Ottubru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet (3) u r-raba’ (4) imputazzjoni, kif ukoll tirrevokaha in kwantu sabet illi l-pussess fl-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv, u konsegwentement tvarja l-piena nflitta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xiehda ta’ Joseph Mizzi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma kellux jinstab hati ta' pussess aggravat fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet; (2) li t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax peress illi ma nstabux tracci ta' amfetamina; (3) li ma kellux jinstab hati tar-raba' imputazzjoni dwar pussess ta' raza tal-cannabis.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi ma ngabet l-ebda prova konklussiva li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti strahet biss fuq il-fatt illi fil-fond minnu mikri nstabu "qratas, plastic, imqass u droga mohbija" liema dik il-Qorti qieset "ben evidenti" bhala prova ta' pussess aggravat. Skond l-appellant, biex Qorti ssib htija ta' intenzjoni ta' spacc ta' drogi, hija mhux biss trid tkun konvinta *beyond reasonable doubt* illi tali persuna kellha l-pussess tad-droga izda wkoll illi tali persuna kellha l-intenzjoni li tispacca jew b'xi mod tikkonsenja l-istess droga li tkun instabet fil-pussess taghha. Jissottometti illi wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni ikbar f'kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni ta' l-ispacc ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux semplicement frott ta' kongetturi u suppozizzjonijiet. Jirreferi, *inter alia*, ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Dicembru 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. David Norbert Schembri** fejn gie ritenut illi, minkejja illi persuna tinstab fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta' droga, dan wahdu mhux prova konklussiva ghal spacc, nonostante l-fatt illi r-riskju illi l-istess persuna tithajjar illi tibda tispacca huwa kbir. Jigifieri, suspettuzi kemm huma suspettuzi c-cirkostanzi li fihom persuna tinstab fil-pussess ta' droga, Qorti ma tistax issib htija fin-nuqqas ta' provi konklussivi li juru b'mod car u inekwivoku li l-istess droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-persuna.

**7.** L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti rreferiet ukoll ghall-fatt illi fil-pussess ta' l-appellant instab mizien. Dan mhux inkompatibbli ma' abbuz tad-droga, isostni l-appellant, peress illi persuna li tabbuza tista' facilment tuza mizien sabiex tevita milli tiehu aktar droga milli tmissha u b'hekk taghmel *overdose*. L-appellant josserva wkoll illi l-ewwel

Qorti ghamlet accenn ghall-fatt li d-droga li nstabet fl-imsemmi fond kienet mohbija. Jghid, pero`, illi l-maggor parti tad-droga ma kinitx mohbija u nstabet mill-Pulizija fl-ewwel kamra, filwaqt li l-bqija, mid-deposizzjoni tal-Pulizija stess, ma tistax tghid li kienet mohbija. Inoltre l-appellant kellu "l-kantunieri tad-droga f'idejh".

**8.** Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Brian Caruana** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Mejju 2002 u citata wkoll mill-appellant, u fejn is-sejbien ta' htija ta' pussess aggravat mill-ewwel Qorti giet ikkonfermata minn din il-Qorti, intqal:

**"… kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi *"hard and fast rule"* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli."**

**9.** F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grima** moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fil-11 ta' Mejju 2007, fejn l-appellant f'dak il-kaz kien originarjament instab hati mill-ewwel Qorti ta' pussess aggravat u din il-Qorti kienet irriformat dik il-konkluzjoni u ddecidiet li kien kaz ta' pussess semplici, intqal:

**"Il-pozizzjoni legali fil-fatt hi din: Il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. Meta l-ammont ta'droga tkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun**

**cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Izda jekk il-pussessur jikkontesta dan, jigifieri jallega li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu, irid fuq bazi ta' probabbilta` igib il-provi biex isostni d-difiza tieghu."**

**10.** Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet fl-ewwel lok li ma kinitx ser taghmel referenza ghall-istqarrija ta' l-appellant (allura imputat) peress illi mehuda minghajr il-possibilita` ta' parir legali jew ta' tali assistenza kif ukoll ghax l-istess appellant, kif kien id-dritt tieghu, ghazel li ma jwegibx ghad-domandi saljenti. Imbaghad osservat illi "mill-provi prodotti jidher ben car li l-imputat kellu d-droga fuqu, pussess, certament mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Dan huwa ben evidenti mill-fatt illi l-imputat kellu diversi qratas, plastic, imqass, u droga mohbija. Oltre dan, fuq il-persuna tieghu gia` kellu qratas ohra, ammont konsiderevoli ta' flus, u sahansitra mizien. Dawn il-fatti huma kollha konducenti ghall-fatt illi l-imputat kien fil-fatt qieghed anke jbiegh id-droga."

**11.** Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti. Jirrizulta li l-Pulizija kellha informazzjoni li d-dar bl-isem Casa Assunta fi Triq Nazzareno, Paola, kienet qed tintuza mill-appellant in konnessjoni ma' droga. L-Ispettur Pierre Grech ottjena mandat ta' arrest u ta' tfittxija minghand il-Magistrat Dr. Lawrence Quintano fid-9 ta' Awissu 2006, u fl-10 ta' Awissu 2006 il-Pulizija marret tesegwixxi dan il-mandat.

**12.** P.S. 1574 Renaldo Cremona xehed illi meta l-appellant hareg mill-post marru fuqu, qalulu li Pulizija, u kellha tigi uzata forza minima peress illi l-appellant irrezista l-arrest. Ix-xhud qal li l-appellant kellu borza bi trab kannella li xehitha ma' l-art. Saret tfittxija fuqu u nstab mizien u Lm280. Qalulu li kellhom mandat biex issir tfittxija fid-dar u huwa qalilhom li kien lest jikkoopera billi jghidilhom "fejn hu l-kumplament tax-xoghol li kellu". Kif dahlu u resqu lejn il-kamra tas-salott, l-appellant ta daqqa ta' sieq b'kemm kellu sahha fuq il-mejda fejn kien hemm "ix-xoghol" b'mod li borza minnhom infaqghet u tar hafna trab mal-kamra kollha. Din kienet borza bu trab kannella u

b'kollox kien hemm tnejn fuq il-mejda. Ix-xhud qal li kien hemm affarijiet ohra relatati mad-droga: boroz vojta bu tracci ta' trab kannella, pakkett iehor bi tracci ta' dik li gie suspettat kienet kokaina, u qartas iehor go kamra li mis-salott taghti ghal kamra ohra.

**13.** W.P.C. 12 Andrea Grech ukoll qalet li meta marru fuq l-appellant meta hareg mid-dar u waqqfuh, irrezista l-arrest. Qalet li f'idejh kellu zewg kantunieri ta' boroz bi trab kannella. Sakemm hi marret tipparkja l-karozza, il-kollegi taghha dahlu gewwa ma' l-appellant. Kif irritornat biex tassistihom, ragghu hargu u giet infurmata li kien hemm xi incident iehor gewwa. Regghu dahlu u tkompliet it-tfittxija. Qalet li fuq il-mejda kien hemm borza bi trab kannella. Kien hemm ohra bi tracci ta' trab kannella. Minn ma' l-art vicin is-sufan u wara xi affarijiet kien hemm borza ohra bi trab kannella u borza bi trab abjad. Minn fuq il-*wall unit* gie elevat qartas mill-Ispizjar. Fuq *cupboard* kie hemm vazun forma ta' bebbuxu li kien fih xi tracci bojod ta' trab abjad. Mal-kamra kien hemm ukoll diversi boroz imqattghin. Kantunieri. Kien hemm inqass ahdar. Fuq il-persuna tieghu l-appellant kellu Lm280 u mizien digitali.

**14.** P.C. 138 Joseph Portelli xehed li marru fuq l-appellant kif kien diehel fil-karozza tieghu. Marru jwaqqfuh u rrezista l-arrest. F'idu kellu borza tal-*plastic* bi trab kannella, ippruvaw jehduwhielu izda faqaghha u elevaw il-bicca borza li kien ghad baqa', kif ukoll mizien elettroniku u Lm280 li kienu fuqu. Kif dahlu gewwa fis-salott kien hemm *coffee table* tal-hgieg li fuqha kien hemm zewg boroz bi trab kannella u l-appellant irnexxielu jixxuttja wahda minnhom u faqaghha mal-hajt. Hargu 'l barra ghax il-kamra kienet kollha trab. Hallew ftit hin u elevaw il-borza li kien hemm fil-kantuniera, il-borza li kien hemm fuq il-*coffee table* u diversi boroz zghar bi trab abjad.

**15.** P.C. 213 Nicolai Borg qal li fuq l-appellant marru P.S. 1574 u P.C. 138 hu u hiereg mir-residenza tieghu. Kif qalulu li Pulizija, irrezista l-arrest u x-xhud nizel jghinhom. F'idu kellu borza tal-*plastic* u beda jipprova jiblaghha u jifqaghha. Gewwa fis-salott kien hemm zewg boroz tal-*plastic* bi trab kannella u l-appellant ta daqqa ta' sieq lil

wahda mill-boroz u mela kullimken bi trab kannella. Wara ftit komplew it-tfittxija u sabu xi kantunieri ta’ boroz, boroz bi trab abjad u ogget ttac-ceramika li go fih kien hemm borza bi trab kannella.

**16.** Fuq il-post mar l-analista Godwin Sammut li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti. Huwa eleva l-mizien li sussegwentement instabu fuqu tracci ta’ eroina, u diversi boroz tal-*plastic* li numru minnhom kienu jikkontjenu l-eroina u ohrajn il-kokaina. L-espert analista eleva trab mill-art u dan instab li kien eroina. F’borza minnhom instab il-kaffeina. Il-piz komplessiv tal-kokaina kien ta’ 20.21 grammi u dak ta’ l-eroina kien 31.16 grammi, filwaqt illi l-piz tal-kaffeina kien ta’ 1.20 gm. Sussegwentement l-istess analista ezamina numru ta’ dokumenti ohra li kienu gew elevati mill-Pulizija waqt it-tfittxija. Dokument minnhom kien jikkonsisti f’zewg bicciet tal-*plastic* bi ftit trab ta’ lewn kannella u l-analizi relattiv ta rizultat pozittiv ghall-eroina (tracci). Dokument iehor kien jikkonsisti f’diversi boroz u bicciet tal-*plastic*, imqass ta’ lewn ahdar u bicca karta, u l-analizi relattiv ukoll ta rizultat pozittiv ghall-eroina (tracci).

**17.** Fid-dawl ta’ dawn il-provi, din il-Qorti hi sodisfatta li l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha peress illi hemm numru ta’ fatturi li jippuntaw lejn tali konkluzjoni, cioe` li d-droga li nstabet fil-pussess ta’ l-appellant ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu: l-ammont ta’ droga li nstabet, it-tqassim ta’ droga f’boroz zghar (deskritti bhala kantunieri ta’ boroz), imqass, pakkett boroz tal-*plastic* u diversi bicciet ta’ boroz, mizien, il-kaffeina (li tintuza bhala *cutting agent*), il-fatt li l-appellant kien hiereg mid-dar b’pakkett jew pakketti ta’ eroina u bil-mizien, u l-fatt li ma gie elevat ebda tip ta’ parafernalja li jindika l-uzu ta’ eroina jew ta’ kokaina. Huwa wkoll interessanti sms li rcieva l-appellant proprju ftit hin qabel ma hareg mid-dar u gie arrestat u li jghid *“Tnewwilli wahda dawk ma dak is soltu. And Salvatore ha nkun daqs kwarta ohra jekk tajjeb alik.”* Mill-banda l-ohra l-appellant ma rnexxilux tramite s-sottomissjonijiet maghmula fir-rikors ta’ appell tieghu jew tramite d-difensuri tieghu juri fuq bazi ta’ probabbilta` li d-droga li nstabet kienet intiza

ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa minnu li quddiem din il-Qorti xehed l-ufficjal tal-*probation* Joseph Mizzi, izda kull ma seta' jghid dan l-ufficjal tal-*probation* kien li l-appellant attenda ma' l-ghaxar appuntamenti f'perijodu ta' xi seba' xhur, li kkoopera hafna ma' l-ufficjal tal-*probation*, li kellu relazzjoni stabbli mal-*partner* tieghu li minnha ghandu tifel, u li deher motivat biex ihalli l-passat warajh. Kampjuni ta' l-urina ma ttehdux. Jigifieri anke permezz ta' din ix-xiehda l-appellant ma weriex li d-droga li kellu fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.

**18.** Dwar it-tieni u t-tielet aggravji l-appellant ghandu ragun. Fir-relazzjonijiet tieghu l-analista Godwin Sammut ma jindikax is-sejbien ta' amfetamina jew ta' raza tal-cannabis. Inoltre, peress illi l-ewwel Qorti qalet li ma kinitx sejra taghmel referenza ghall-istqarrija ta' l-appellant, ma setghetx issib htija dwar dawn iz-zewg imputazzjonijiet a bazi ta' dak li ntqal fl-istqarrija. Konsegwentement irid ikun hemm temperament fil-piena.

**19.** Kwantu ghall-ispejjez peritali, huma dovuti s-segwenti:

Relazzjoni Godwin Sammutipprezentat fis-17 ta' Jannar 2007 Lm160.78
Relazzjoni Godwin Sammut ipprezentat fil-31 ta' Lulju 2007 Lm 73.46
Relazzjoni ta' Martin Bajada pprezentat fil-31 ta' Lulju 2007 Lm114.22
Relazzjoni (ritratti) P.S. 1261 Pace pprezentat fid-9 ta' Jannar 2008 Lm 47.00

----------------

Lm395.46

Din is-somma tekwivali ghal €921.17. Dwar l-ispejjez ghar-relazzjoni ta' Godwin Sammut ipprezentat fit-28 ta' Frar 2007 u li fiha gew indikati l-valuri ta' l-eroina u l-kokaina li nstabet fil-pussess ta' l-appellant, din il-Qorti ma tarax li kien hemm htiega biex jigi nominat espert sabiex jiddetermina l-valur ta' dawn id-drogi fil-perijodu relattiv. Difatti l-istess espert ma ddeterminax hu l-valur izda strah

fuq dak li jirrizulta fin-**National Report** tas-sena 2005 tan-**National Focal Point for Drugs and Drug Addiction**.

**20.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni (pussess ta' medicina psikotropika u specifikata) u tar-raba' imputazzjoni (pussess ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis) u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u tmien xhur, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' spejjez peritali fl-ammont ta' €1,034.78 u minflok tikkundannah ihallas lir-Registratur tal-Qorti fi zmien hmistax-il gurnata millum spejjez peritali fl-ammont ta' €921.17, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------